*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,719, 16 ta' Settembru, 2026*
*Taqsima B*

**A.L. 246 tal-2026**

## ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

## Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 220.03.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-President tista' b'avviż fil-Gazzetta tistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 12A tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 12A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "tlieta u għoxrin fil-mija (23%)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "disgħa u għoxrin fil-mija (29%)";

(b) fis-subregolament (3) tiegħu l-kliem "erba' (4) snin servizz" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt (6) snin servizz".

Jemenda r-regolament 48A tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 48A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "tlieta u għoxrin fil-mija (23%)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "disgħa u għoxrin fil-mija (29%)";

(b) fis-subregolament (3) tiegħu l-kliem "erba' (4) snin servizz" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sitt (6) snin servizz".